**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 21 ta` Ottubru 2019**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 877/2019 JZM**

**Inatrade Ltd (C37645)**

***kontra***

**Mtrace P.L.C. (C73299)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fit-13 ta` Settembru 2019 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` attrici ippresta diversi servizzi professjonali u teknici lis-socjeta` konvenuta, fuq inkariku tal-istess socjeta` konvenuta u dan in konnessjoni ma` progett ta` zvilupp industrijali f`San Gwann fil- Malta Life Sciences Park;*

*2. Illi s-socjeta` konvenuta hi debitrici fil-konfront tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` mitt elf, tmien mija u tlieta u tmenin Euro u ghoxrin centezmu (Euro 100,883.20 ) liema ammont jinkludi s-somma ta` Hmistax il elf, tlett mija u tmienja u tmenin Euro u sitta u disghin centezmu (Euro 15,388.96) taxxa fuq il-valur mizjud, u dan in linea ta` hlas ghal tali prestazzjonijiet ta` `Professional Services` u dan hekk kif jidher mill-kuntratt hawn annessa u mmarkata bhala `Dok A1`;*

*3. Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta` fatt u li sa fejn taf is-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet x`taghti f`dina l-kawza;*

*4. Illi s-socjeta` konvenuta kienet accetat dan id-dejn permezz ta` dikjarazzjoni ta` `acceptance of liabilities` iffirmata xerrej li gie mghoti dan id dokument parti mill-kuntratt ta` xiri (annessa u mmarkata bhala Dok `A2`) u l-fattura (annessa u mmarkata bhala Dok `A3`);*

*5. Illi minkejja li giet interpellata sabiex thallas permezz ta` diversi emails, telefonati u meetings, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;*

*6. Illi is-socjeta` r-rikorrenti taf b`dawn il-fatti personalment – Affidavit hawn annessa u mmarkata bhala `Dok A4`;*

*7. Illi r-raguni ta` din it-talba hi li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta` mitt elf, tmien mija u tlieta u tmenin Euro u ghoxrin centezmu (Euro 100,883.20 ) liema ammont jinkludi s-somma ta` hmistax il elf, tlett mija u tminja u tmenin Euro u sita u desghajn centezmu (Euro 15,388.96) taxxa fuq il-valur mizjud, in linea ta` drittijiet ghal prestazzjonijiet ta` `Professional Services` rezi fuq inkariku taghha mir-rikorrenti,*

*interessi ta` tmienja fil-mija mid-data tal-fattura u spejjez komprizi tal-Mandat ta` Sekwestru u Mandat ta` Qbid ipprezentati kontestwalment;*

*Ghaldaqstant, is-socjeta` attrici titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuna, joghgobha :*

*1) Tisma` dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artiklu 167 et seq tal-Kap. 12;*

*2) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont ta` mitt elf tmien mija u tlieta u tmenin Euro u ghoxrin centezmu (Euro 100,883.20).*

*Bl-ispejjez, komprizi tal-Mandat ta` Sekwestru pprezentati kontestwalment mar-Rikors Guramentat, u bl-imghax mid-data tal-fattura lis-socjeta` konvenuta li minn issa hi ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-kumpannija attrici flimkien mal-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-kumpannija konvenuta skont il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat illi l-kumpannija konvenuta baqghet ma dehritx ghall-udjenza tal-lum meta ssejhet il-kawza.

Ezaminati l-atti tal-kawza,

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati :

**Fil-kontumacja tal-kumpannija konvenuta, tiddeciedi billi –**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba bl-imghax kif mitlub.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi dawk tal-mandati pprezentati kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**